MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 27/2006

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Laboratory Solutions Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Jannar 2006 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' erbgha mija u erbgha u disghin lira Maltija (Lm494.00) dovuti mill-istess socjeta' konvenuta lis-socjeta attrici in kwantu ghas-somma ta'erbgha mija u tlieta u erbghin liri Maltin (Lm434) bhala prezz ta' merkanzija lilha mibjughha u kkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta' sittin liri Maltin(Lm60) bhala imghax bir-rata legali fuq l-istess, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikat b'l-avviz fit-30 ta' Awissu 2006 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas s-somma ta' erbgha mija u erbgha u disghin lira Maltija (LM494.00) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------